MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Numru. 523/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**

**vs**

**Carmel Camilleri**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Carmel Camilleri ta’ 26 sena, iben Emmanuel u Doreen nee’ Cutajar, imwieled Pieta’ nhar il-31 ta’ Jannar 1981 u residenti Adrian House Triagance Street, Luqa jew 53, Casa Ciappara, Triq Dun Pawl, Luqa u detentur tal-karta tal-identita’ numru 92981(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Nhar it-13 ta’ Gunju 2007 ghall-habta ta’ 9.00 am fil-Gzejjer Maltin iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li

ma sehhx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta’ reat b’ mod li jistghu jibdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

2. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, xjentement uza xi *network* jew apparat ta’ komunikazzjonijiet fornut minn impriza, ghal ghan li ma kienx dak li kien gie fornut ghalih jew inkella uzah b’ mod mhux kif imiss.

3. Kkommetta reat waqt l-operat ta’ sentenza ta’ prigunerija sospiza moghtija lilu nhar is-16 ta’ Gunju 2004, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

4. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet ta’ ordni ta’ probation imposti fuqu b’sentenza datata s-16 ta’ Gunju 2004, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

5. Il-Qorti kienet mitluba titratta ma’ l-imputat bhala li rrenda ruhu ricediv b’ diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta’ Gunju 2007 (esebit a fol. 54 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-16 ta’ Gunju 2007 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat hekk kif registrata fl-udjenza tas-6 ta’ Ottubru 2008 ghall-ewwel, it-tieni u l-hames akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Rat il-verbal tal-udjenza ta’ llum stess fejn l-imputat irtira l-ammissjoni registrata fl-udjenza tas-6 ta’ Ottubru 2008.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda telefonata anonima li saret lil-Control Room tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija fuq in-numru tal-emergenza, u cioe’ fuq il-linja 112, fejn persuna b’lehen maskili kellmet lil WPC 144 Louise Theuma (vide xhieda relattiva inserita a fol. 413 u 414 tal-atti processwali) fejn infurmatha li kien hemm bombi li kienu ser jisplodu fl-edificju tal-Qorti u fl-Isptar San Luqa (traskrizzjoni ta’ din it-telefonata liema traskrizzjoni saret mill-espert nominat mill-Qorti Dr. Steven Farrugia Sacco tinsab inserita a fol. 74 sa 78 tal-atti prcesswali) Wara li gew infurmati l-awtoritajiet tal-Qorti kif ukoll dawk tal-Isptar gie evakwat l-edificcju tal-Qorti u in parte dak tal-Isptar San Luqa sakemm saru t-tfittxijiet u l-investigazzjonijiet mehtiega mill-Pulizija u mill-Bomb Disposal Unit u dan sabiex jigi verifikat jekk effettivament kienx hemm il-periklu ta’ spluzjoni ta’ bomba kif irrapurtat fl-imsemmija telefonata anonima. Mill-provi rrizulta li t-telefonata saret minn linja bin-numru 79969314 li li kienet qed tigi utilizzata mill-imputat odjern. Il-Pulizija irrintraccjat din it-telefonata u waslet ghall-imputat bhala l-persuna li kien ghamel l-imsemmija telefonata. Huwa gie nterrogat u rrilaxxja zewg stqarrijiet, inseriti a fol. 8 sa 10 u 11 sa 14 rispettivament, fejn ammetta li kien ghamel it-telefonata minn fuq il-mobile phone tieghu tal-ghamla Samsung u qal li wara kien rema’ is-Sim Card bil-linja 79969314 u qal li kien irraporta lil Pulizija li kien hemm bomba ser tisplodi filbini tal-Qorti u fil-bini tal-Isptar San Luqa. Huwa spjega li kien ghamel dan ghaliex dakinhar kellu kawza l-Qorti li ma riedx li ssir ghaliex ma kellux flus sabiex ihallas lil avukat. L-imputat ma semma ebda raguni ‘il ghala fit-telefonata tieghu irraporta wkoll li kien hemm bomba l-Isptar San Luqa izda qal biss li dak il-hin kien fi stat li ma kienx jaf x’ser jaqbad jaghmel.

Mill-provi rrizulta li dakinhar li saret it-telefonata kellu jigi evakwat kompletament l-edificcju tal-Qorti bil-konsegwenza li kellhom jigu sospizi jew differiti l-kawzi li

kienu qed isiru dak il-hin fl-edificcju tal-Qorti. F’dawn il-proceduri xehed John Sant (xhieda relattiva inserita a fol. 375 u 376) li huwa id-Direttur tas-Support Services tal-Qorti li esebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dok. JS1 fejn hemm indikat it-telf subit mill-amministrazzjoni tal-Qorti bhala konsegwenza tal-evakwar tal-edificcju tal-Qorti minhabba it-theddida ta’ bomba. F’dawn il-proceduri xehed ukoll is-Supretendent tal-Isptar San Luqa, Dr. Frank Bartolo (xhieda relattiva inserita a fol. 424 u 425) fejn dan spjega li wara li l-awtoritajiet tal-Isptar gew infurmati mill-Pulizija bit-telefonata anonima fejn kien qed jigi allegat li kien hemm bomba l-Isptar kellu jigi evakwat il-Casualty Department kif ukoll l-Out Patients Department Huwa spjega li fl-Outpatients Department ikun hemm medja ta’ elf pazjent kuljum u minhabba li kellu jigi evakwat il-bini fejn hemm l-Outpatients Department l-appuntamenti kollha ghal dakinhar kellhom jigu kancellati u rescheduled ghal data ohra. Huwa qal inoltre li fil-bini tal-Outpatients Department kien hemm ukoll il-laboratorju tal-virology u x-xoghol fil-laboratorju wkoll kellu jieqaf. Dakinhar li dahlet it-telefonata anonima in dizamina kienet qed issir operazzjoni fuq tarbija fejn kellha tittehed frozen section mit-tarbija li tkun tpoggiet taht il-loppju u mbaghad tigi ezaminata fil-laboratorju tal-virologija u wara li isir l-ezami necessarju titkompla l-operazzjoni. F’dan il-kaz jghid Dr. Bartolo it-tarbija kienet diga’ taht il-lopju izda it-testijiet ma setghux isiru fil-laboratorju ghaliex dan kien gie evakwat minhabba it-telefonata anonima u ghalhekk l-intervent fuq it-tarbija ma setghax jitkompla bil-konsegwenza li din it-tarbija inghatat il-lopju inutilment.

Ikkunisdrat:

Illi permezz tal-ewwel akkuza l-imputat jinsab akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 110(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ li huwa ddenunzja reat lil Pulizija meta kien jaf li tali reat ma sarx. Kif gie rilevat aktar ‘il fuq fl-udjenza tas-6 ta’ Ottubru, 2008 l-imputat irregistra ammissjoni kemm ghal din l-akkuza kif ukoll ghat-tieni u ghal hames akkuza migjuba fil-konfrornti tieghu u mill-atti bl-ebda mod ma jirrizulta li huwa formalment iritira din l-ammissjoni. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet finali tad-Difiza izda wiehed

isib li l-istess Difiza qed tissottometti li din l-akkuza ma tirrizultax pruvata u l-Qorti qeghda ghalhekk tifhem li l-ammissjoni registrata fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru, 2008 qed tigi rtirata. Illi mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni zgur jirrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien il-persuna li cempel lil Pulizija sabiex jirraporta li kien hemm bomba kemm fl-edificcju tal-Qorti kif ukoll fl-Isptar San Luqa. Dan jirrizulta kemm mill-istqarrijet rilaxxjati mill-istess imputat fejn huwa ammetta li kien il-persuna li kien ghamel it-telefonata in dizamina kif ukoll mill-call profiles esebiti mis-service provider tal-linja in kwistjoni, u cioe' il-kumpanija Go Mobile Communications Limited (vide xhieda ta' Anthony Bonnici a fol. 415 u 416 u d-dokumenti minnu esebiti). Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali taghha d-Difiza issostni li sabiex jissussisti r-reat kontemplat fl-Artikolu 110(2) irid ikun hemm denunzja ta' reat u l-fatt li l-imputat irraporta li kien hemm bomba fl-Isptar u fl-edificcju tal-Qorti ma tikwalifikax bhala denunzja ta' reat.

L-abbli Prosekutur fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tieghu jiccita dak li qal il-kumpjant Professur Sir Anthony Mamo fin-noti tieghu 'Notes on Criminal Law' precizament f'pagna 59, dwar ir-reat in dizamina fejn inghad is-segwenti:-

"The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicious and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertain by an imaginary fact".

Mit-traskrizzjoni tat-telefonata in kwistjoni jirrizulta li l-imputat kien qed jirraporta it-tqeghid ta' bomba fl-edificji tal-Qorti u tal-Isptar. Jibda sabiex jinghad li bombi m'humiex xi haga li wiehed jistenna jew jipretendi li jsib fl-Isptar jew fl-edificcju tal-Qorti u ghalhekk rapport li tqeghdet bomba fl-imsemmija edificji bil-konsegwenzi possibilita' li din tisplodi u tikkawza hsarat

kemm fl-istrutturi jew inkella griehi lin-nies li jinstabu f'tali edificcji certament li jammonta ghal denunzja ta' reat ghaliex it-tqeghid ta' bomba f'dawn l-edificcji tammonta ghal reat prosegwibbli kriminalment. L-agir tal-Pulizija wara li rceviet it-telefonata tal-imputat ikompli isahahh dan l-argument fis-sens illi wara li rceviet ir-rapport maghmul mill-imputat il-Pulizija procediet sabiex tindaga dwar dan ir-rapport u sabiex taghti struzzjonijiet halli jigu evakwati l-edificcji koncernati sabex isir it-tfittix ghall-bomba li giet rappurtata li kienet fl-imsemmija edificcji. Kieku verament instabu bombi fl-edificji tal-Qorti u tal-Isptar zgur li kienu jittiehdu proceduri kriminali fil-konfronti tal-persuni responsabbli ghat-tqeghid ta' tali bombi ghal attentat ta' hsara volontarja u ghall-attentat ta' tqeghid ta' perikolu tal-hajja tan-nies prezenti fl-imsemmija edificji. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni rnexxilha tressaq il-provi li l-imputat iddenunzja reat lil Pulizija Ezekuttiva meta kien jaf li dan ir-reat ma sehhx u huwa ghalhekk qed jinstab hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Permezz tat-tieni akkuza l-imputat jinsab akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 35(1)(d) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta. In kwantu jirrigwarda din l-akkuza l-Qorti taqbel ma' dak sottomess mid-Difiza fir-rigward u cioe' li l-fattispeci ta' dan il-kaz ma jinkwadrawx ruhhom fir-reat kontemplat fl-Artikolu 35(1)(d) u taghmel referenza ghal dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'sentenza tat-22 ta' Awwissu 2007 fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs Dr. Etienne Calleja' fejn gie stabbilit li dan ir-reat jirreferi ghall-uzu jew abbuz ta' natura teknika minn sistemi ta' komunikazzjonijiet teknici u mhux ghal uzu bhal dak li gie pruvat li sar mill-imputat fil-proceduri odjerni. Ghal dawn il-motvi l-imputat qed jigi liberat mit-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

In kwantu jirrigwarda it-tielet u r-raba' akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat id-Difiza esebiet sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tal-11 ta' Dicembru 2008 minn fejn jirrizulta li l-imputat diga' nstab hati li kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu fis-sentenza tas-16 ta' Gunju, 2004 u l-Qorti sejra ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet u r-raba' akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat.

Permezz tal-hames akkuza l-imputat jinsab akkuzat li sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din l-akkuza tirrizulta pruvata stante li gew esebiti a fol. 40 sa 51 tal-process is-sentenzi li inghataw fil-konfrotnti tal-imputat odjern u ghalhekk l-imputat qed jinstab hati tal-hames akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat:

Id-Difiza resqet provi li l-imputat kien taht il-kura ta' psikologu,anki jekk dan jirrizulta li kien wara li gew intavolati l-proceduri odjerni, u ssostni li dan il-fattur ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fl-erogazzjoni tal-piena f'kaz ta' sejbien ta' htija. Id-Difiza inoltre ssosnti li l-imputat ghandu jinghata l-opportunita' li jirriforma ruhu anki ghaliex mix-xhieda tas-Senior Probation Officer Miriam Sevasta jirrizulta li huwa qed jaghti indikazzjoni li jrid jaqbad it-triq it-tajba. Il-Qorti izda jidrilha li l-agir tal-imputat f'dan il-kaz u l-konsegwenzi serji ta' tali agir jimmeritaw li tinghata piena karcerarja effettiva fil-massimu permissibbli mil-ligi. Mill-provi rrizulta li fil-mument li l-imputat ghamel it-telefonata huwa kien ben konsapevoli tal-konsegwenzi tal-agir tieghu u r-ragunijiet minnu moghtjia sabiex jiggustifika tali agir huma ghal kollox inaccettabbli. Meta wiehed jikkunsidra id-danni kagunati kemm lis-sistema tal-amministrazzjoni tal-gustizzja, kif l-inkonvenjent u t-telf ta' hin kawzat lil membri tal-korp tal-Pulizjia u tal-Forzi Armati izda aktar u aktar fl-Isptar San Luqa fejn tarbija giet operata inutilment minhabba l-agir tal-imputat, il-Qorti jidrilha li huwa opportun li tinfliggi l-piena massima anki sabiex jinghata messagg car lis-socjeta' dwar il-konsegwenzi ghal min jittenta jagixxi b'dan il-mod u johloq inkonvenjent u danni inutili kemm ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja kif ukoll fl-amministrazzjoni ta' servizzi medici. Il-Qorti noltre jidrilha li dan m'huwiex kaz fejn l-imputat ghandu jinghata 'a window of opportunity' ulterjuri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 110(2), 49 , 50 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat Carmel Camilleri hati tal-ewwel u l-hames akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmintax

(18)-il xahar prigunerija. Ghar-ragunijiet imsemmija aktar ‘il fuq il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza. Il-Qorti qeghda wkoll tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet u r-raba’ akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta’ tlett mija u disa’ u sebghin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€379.22) rapprezentanti l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------